V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.9858 — Bosch Group/ELCO Group/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 243/08)

1. Fis-16 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bosch Thermotechnick GmbH ("Bosch TT", il-Ġermanja), li hija parti mill-Grupp Bosch, li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Robert Bosch GmbH,

— Electra Consumer Products Ldt ("ECP", Iżrael), parti mill-Grupp ELCO, li fl-aħħar mill-aħħar huwa kkontrollat minn Elco Ltd.,

— Electra Industries Ldt. (Iżrael).

Bosch TT u ECP jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Electra Industries Ldt. kollha.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bosch TT: il-manifattura ta' prodotti għat-tisħin effiċjenti fl-enerġija u soluzzjonijiet għall-ilma sħun,

— għal ECP: il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti elettriċi għall-konsumatur, is-servizz ta' telekomunikazzjoni u l-proprjetà għall-investiment,

— għal Electra Industries Ldt.: l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-provvista lill-klijenti tal-OEM ta' air conditioners residenzjali u l-aċċessorji tagħhom, terminali tal-ilma tal-AC ċentrali, pompi u komponenti tas-sħana arja-ilma.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.9858 — Bosch Group/ELCO Group/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni b'e-mail, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË